MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 637/2007

Jesmond u Daniela konjugi Buhagiar
vs
Paul Tedesco

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta’ ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) rapprezentanti din is-somma self brevi manu u dan kif kien jirrizulta minn kopja ta’ skrittura privata maghmula bejn il-partijiet datata 29 ta’ Marzu tas-sena 2007 u annessa mar-rikors u mmarkata Dok A.

2. Illi ghalkemm interpellat diversi drabi mir-rikorrenti sabiex ihallas, l-intimat baqa’ inadempjenti.

3. Illi l-kreditu tar-rikorrenti fis-somma ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) huwa cert, likwidu, u esegibbli, u sa fejn kienu jafu r-rikorrenti, l-intimatt ma ghandu l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta' dik is-somma kif kien jirrizulta mill-affidavit ta' l-attrici Daniela Buhagiar anness mar-rikors u mmarkat Dok B.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Taghti sentenza u tilqa' t-talba rikorrenti bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Hekk tikkundanna minnufih lill-intimat li jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) rapprezentanti self brevi manu.

3. Bl-imghaxijiet legali ta' tmienja fil-mija (8%) mill-15 ta' April 2007 sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' <u>Daniela Buhagiar</u> li fih semmiet li fid-29 ta' Marzu 2007 hi u zewgha Jesmond kienu marru ghand in-Nutar Ivan Barbara flimkien mal-intimat u sostniet li hemmhekk l-intimat kien ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur taghhom fis-somma ta' Lm10,000. Qalet li din is-somma kellha tithallas sal-15 ta' April 2007 u kemm-il darba din is-somma ma tithallasx sal-imsemmija data kellu jibda jiddekorri imghax ta' 8%

fuq il-bilanc mis-somma li tkun ghadha ma thallsitx. Ziedet tghid li sal-lum ma thallsu xejn mis-somma ta' Lm10,000.

Xehdet Daniela Buhagiar u qalet li l-intimat Paul Tedesco tafu u kien klijent taghhom. Ikkonfermat l-affidavit taghha u ddikjarat li miz-zmien tal-prezentata tar-rikors l-intimat ma hallas xejn mill-ammont.

Rat illi l-intimat debitament notifikat skond il-ligi ma deherx ghas-seduta tal-lum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li taghmel refernza ghall-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12, qed tilqaghha u tikkundanna lil-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' Lm10,000 rapprezentanti self brevi manu.

Spejjex, bl-imghaxijiet legali ta' 8% mill-15 ta' April 2007 sal-hlas effettiv, kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------